**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 10 ta' Mejju, 2017**

**Referenza Kostituzzjonali Nru: 26/2016 AF**

**Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Josianne Azzopardi**

Il-Qorti:

Rat ir-referenza magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-24 ta' Frar 2016 (Maġistrat Natasha Galea Sciberras) li permezz tagħha dik il-Qorti wara li semgħet id-difiża u lill-Avukat Ġenerali ordnat illi l-kwistjoni tintbagħat quddiem din il-Qorti sabiex jiġi determinat:

> *"Jekk il-fatt li l-imputata odjerna ma ngħatatx l-opportunità li tikkonsulta ma' avukat qabel irrilaxxjat l-istqarrija tagħha lill-Uffiċjal Investigatur nhar it-13 ta' Frar 2004, kif ukoll jekk il-fatt illi ma ngħatatx dan id-dritt qabel ma kkonfermat din l-istqarrija tagħha bil-ġurament u xehdet*

*quddiem il-Maġistrat Inkwirenti fl-istess jum, jilleddix id-dritt fundamentali tagħha għal smiegħ xieraq a tenur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem."*

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali li permezz tagħha wieġeb illi:

Permezz ta' digriet tal-24 ta' Frar 2016 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghamlet referenza lil din l-Onorabbli Qorti sabiex in vista tas-sentenza tal-Qorti Ewropeja ta' Strasburgu fl-ismijiet Mario Borg vs. Malta tiddecidi dwar jekk il-fatt li l-imputata odjerna ma nghatatx l-opportunità li tikkonsulta ma' avukat fl-istadju tal-interrogazzjoni jilledix id-dritt fundamentali taghha ghal smigh xieraq a tenur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6(1)(3) tal-Konvenzjoni Ewropea.

L-esponenti jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti.

Galadarba r-referenza kostituzzjonali hija mibnija fuq allegat ksur tal-jedd ta' smigh xieraq, tali referenza kostituzzjonali hija wahda prematura.  Dan qieghed jinghad stante li s'issa ghadu mhux maghruf kif u taht liema cirkostanzi l-parti li provokat ir-referenza sejra tigi zvantaggjata waqt is-smigh tal-proceduri kriminali.

Gie stabbilit b'mod kostanti fil-gurisprudenza kemm nostrana kif ukoll dik Ewropeja li biex tinsab lezjoni tas-smigh xieraq huwa mehtieg li l-process gudizzjarju jigi ezaminat fit-totalità tieghu. Ghalhekk sabiex jig applikati l-elementi tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jridu tabilfors jitqiesu l-fatturi processwali partikolari tal-kaz, b'mod illi biex wiehed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd tas-smigh xieraq, wiehed irid iqis il-process kollu kemm hu, maghduda maghhom l-imgieba tal-Qorit lit kun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mharsin mill-istess Qorti. Wiehed ma jistax u m`ghandux jiffoka fuq bicca biss mill-process shih biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew

gghalt, jasal ghall-konkluzjoni li tabilfors sehh ksur tal-jedd tas-smigh xieraq (Pullicino vs. Onor. Primi Ministru deciza fit-18 t'Awwissu 1998).

Il-parti li pprovokat ir-referenza ma tistax tasal ghall-konkluzzjoni f`dan l-istadju li hija mhjiex ser ikollha smigh xieraq minhabba l-mod ta` kif ittiehdet l-istqarrija. Galadarba l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, allura l-parti li pprovokat ir-referenza tgawdi mid-drittijiet fundamentali kollha li persuna akkuzata tgawdi waqt proceduri kriminali fosthom il-prezunzjoni tal-innocenza u li hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal grad rikjest mil-ligi. Dawn il-garanziji ghadhom ezistenti u ghalhekk l-esponent ma jarax kif it-tehid tal-istqarrija jista jikkomprometti l-jeddijiet u l-garanziji processwali u difensjonali tar-rikorrenti.

Ladarba f'dan il-każ il-proċess kriminali għadu ma ġiex mismugħ u mitmum, s'issa għadu mhux magħruf kif u taħt liema ċirkostanzi r-rikorrent sejjra tiġi żvantaġġjata waqt is-smigħ tal-kawza. Tassew wieħed ta bilfors jistaqsi, kif ir-rikorrenti tista' tisħaq li hija mhux ħa jkollha smigħ xieraq meta l-proceduri kriminali ghadhom pendenti? Jiġi b'hekk, li f'dan l-istadju tal-proċeduri m'huwiex indikattiv li l-ilment tar-rikorrent jiġi diskuss u trattat in vacuo u b'hekk din l-Onorabbli Qorti hija mitluba biex ma teżerċitax is-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha.

Ghalhekk il-fatt wahdu li l-parti li pprovokat ir-referenzarilaxxat stqarrija ma ssostnix l-ilment ta' ksur ta' dritt ta' smigh xieraq ghaliex dawn wahidhom mhumiex determinanti tal-kwistjoni minnha sollevata, b'dana li l-ilment huwa ghal kollox intempestiv u prematur. Jigi b'hekk li l-ilment ta' nuqqas ta' smigh xieraq jista jigi ezaminat biss ladarba l-process kriminali kollu jigi konkluz.

L-esponent jissottometti li c-cirkostanzi tal-kaz odjern huma ferm differenti minn dawk li jiffurmaw il-fattispeci tal-kaz Borg vs. Malta u dan peress li f'dak il-kaz il-kawza kriminali ghaddiet in gudikat. Il-pronunzjament tal-Qorti Ewropeja li japplika ghall-kazijiet bhal dak tal-parti li pprovokat ir-referenza huwa dak ta' Dimech vs. Malta.

Gialadarba l-proceduri kriminali ghadhom pendenti fil-konfront tar-rikorrenti, l-Qorti Ewropeja stess f’kawzi fejn kien qed jigi allegat li t-tehid tal-istqarrija kien vjolattiv minhabba n-nuqqas ta’ assistenza legali waslet ghall-konkluzjoni li sakemm il-proceduri kriminali jkunu ghadhom pendenti ma tistax tigi kkunsidrata tali lanjanza dan anke peress li l-akkuzat jista’ ma jinstabx hati tar-reat li bih ikun qed jigi akkuzat.  Fil-fehma umli tal-esponenti, gialadarba jirrizulta li l-proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrenti ghadhom pendenti, din l-Onorabbli Qorti  ghandha  tosserva u timxi skont dak deciz f’Dimech v. Malta u Tyrone Fenech and Amanda Agius vs. Malta u cioè li tiddikjara li r-referenza odjerna hija prematura u intempestiva.

Minghajr pregudizzzju ghas-suespost u subordinatament, id-dritt moghti mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni huwa d-dritt ghal smigh xieraq u mhux id-dritt ghal-ghajnuna ta’ avukat qabel jew waqt illi tittiehed stqarrija. Dan ifisser, li jekk in-nuqqas ta’ konsultazzjoni ma’ avukat fil-mument tat-tehid tal-istqarrija ma gabet l-ebda pregudizzju serju ghall-akkuzat fl-ezitu tal-proceduri kriminali allura dan tal-ahhar ma jkollu l-ebda ragun li jinvoka ksur tas- smigh xieraq abbazi ta` dan in-nuqqas.

Il-jedd ghal smigh xieraq ma jinghatax biex min hu hati jahrab il-konsegwenzi ta’ ghemilu minhabba xi formalità nieqsa minn konsegwenzi gravi u reali (ara Joseph Bugeja vs. Avukat Generali, Qorti Kostituzzjonali, 14 ta’ Jannar 2013).  Biex in-nuqqas ta’ assistenza legali jista’ potenzjalment iwassal ghal ksur ta’ smigh xieraq irid jigi muri b’mod sodisfacenti li minhabba dak in-nuqqas inholoq perikolu illi r-rikorrenti nstab hati meta ma kellhux jistab hati. Jekk in-nuqqas ta’ konsultazzjoni ma’ avukat fil-mument tat-tehid tal-istqarrija ma gabet l-ebda pregudizzju serju ghall-akkuat fl-ezitu tal-proceduri kriminali allura dan tal-ahhar ma jkollu l-ebda ragun jinvoka ksur tal-jedd ta’ smigh xieraq abbazi ta’ dan in-nuqqas. Marbut ma’ dan, id-dritt tas-smigh xieraq irid jigi kkunsidrat fil-kuntest tat-totalità tal-proceduri kollha u mhux fir-rigward ta’ xi moment specifiku.

Il-jedd ghal parir ta’ avukat huwa intiz biex jitharsu persuni illi minhabba sitwazzjoni partikolari ta’ vulnerabilità, djghufija jew

bizà, jaghmlu stqarrijiet li bis-sahha taghhom jinsabu hatja meta fis-sewwa hatja ma humiex. L-ghajnuna ta' avukat f'sitwazzjonijiet bhal dawn isservi biex teghleb dik il-vulnerabilità u biex taghti garanzija kontra kull abbuz fit-tehid tal-istqarrija *(*ara *Il-Pulizija vs. Tyrone Fenech*, Qorti Kostituzzjonali, 22 ta' Frar 2013).

Fil-kaz in dizamina ir-rikorrenti giet interrogat mil-pulizija f'ambitu ta' investigazzjoni li wasslet lil pulizija tarresta u tinterroga numru ta' persuni in konnessjoni ma' reati ta' traffikar u pussess ta' droga. Ir-rikorrenti irrilaxxat l-istqarrija taghha, wara li giet imwissija skond il-ligi, nhar it-13 ta' Frar 2004 fejn spjegat il-*modus operandi* ta' kif hi kienet involuta fit-traffikar tad-droga.

Ghalkemm huwa minnu li l-istqarrija ittiehdet minghajr assistenza legali, tajjeb li wiehed isemmi u jenfasizza li dan in-nuqqas gie eventwalment newtralizzat peress li r-rikorrenti minn jeddha ikkonfermat l-istqarrija bil-gurament quddiem il-Magistrat tal-Ghassa Dr. Miriam Hayman. Fil-gurisprudenza nostrana gie affermat li meta persuna tikkonferma l-istqarrija bil-gurament u fil-presenza tal-Magistrat Inkwirenti dan ikun ifisser li inghatawlha l-garanziji kollha skond il-ligi biex id-drittijiet taghha jkunu mharsa minn kull forma ta' abbuz (qed terga issir referenza ghal dak deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fuq citata *Il-Pulizija vs. Tyrone Fenech*).

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant it-twegiba ghar-referenza kostituzzjonali maghmula mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghandha tkun fis-sens li ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea

Bl-ispejjez kontra l-partijiet li pprovokaw ir-referenza.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat illi r-referenza tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti qiegħda tilmenta minn leżjoni tad-dritt fundamentali tagħha għal smigħ xieraq kif protett permezz tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem għaliex hija ma ngħatatx l-opportunità tikkonsulta ma' avukat qabel ma ġiet interrogata mill-pulizija u rrilaxxat stqarrija kif ukoll li lanqas kienet assistita minn avukat meta kkonfermat din l-istqarrija u xehdet mill-ġdid quddiem il-Maġistrat Inkwerenti.

Il-fatti li taw lok għal din ir-referenza mhumiex kontestati. Fit-12 ta' Frar 2004 ir-rikorrenti ġiet arrestata mill-pulizija fuq suspett ta' involviment f'reati assoċjati mal-pussess u traffikar tad-droga. Din kienet l-ewwel darba li r-rikorrenti sfat arrestata u kien għad kellha biss tmintax-il sena. L-għada, għall-ħabta tal-kwarta ta' wara nofs in-nhar, hija rrilaxxat stqarrija. Qabel ma ttieħdet l-istqarrija tar-rikorrenti hija ma ngħatatx l-opportunità tkellem avukat tal-fiduċja tagħha għaliex fis-sena 2004 id-dritt ta' persuni suspettati jew arrestati li jikkonsultaw ma' avukat kien għadu ma ġiex introdott fis-sistema legali. Dak inhar stess, ir-rikorrenti ġiet mistoqsija jekk riditx tikkonferma l-istqarrija li għamlet lill-pulizija quddiem il-Maġistrat Inkwerenti. Hija wieġbet fl-affermattiv u allura ttieħdet il-Qorti ftit tal-ħin wara. Meta dehret quddiem il-Maġistrat Inkwerenti, ir-rikorrenti mhux biss ikkonfermat l-istqarrija li kienet għamlet lill-pulizija iżda effettivament tat stqarrija oħra aktar dettaljata. Għal darb'oħra din l-istqarrija ngħatat mir-rikorrenti mingħajr ma kienet assista minn avukat. Sussegwentement ittieħdu proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrenti, liema proċeduri llum huma pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, liema Qorti għamlet ir-referenza li qiegħda tiġi deċiża llum.

Din ir-referenza qiegħda ssir abbażi tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u għalhekk jimporta li l-Qorti referenti, f'dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, qieset li tagħmel ir-referenza wara li waslet għall-

konklużjoni li t-talba tar-rikorrenti ma kinitx waħda frivola jew vessatorja.

Il-lanjanza kostituzzjonali hija bbażata fuq allegata vjolazzjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-ewwel sub inċiż ta' dan l-artikolu jaqra hekk:

> "*Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm il-darba l-akkuża ma tiġi irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*"

Ir-rikorrenti tinvoka wkoll l-artikoli 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea li jaqraw hekk:

> "(1) *Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kullħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja*.'
>
> *(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:*
>
> *…*
>
> *(ċ) li jiddefendi ruħu persunalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk.*"

Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tiegħu, l-Avukat Ġenerali jgħid illi din ir-referenza hija intempestiva peress illi l-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrenti għadhom ma ġewx konklużi.

Il-Qorti tirrileva li filwaqt illi huwa prinċipju assodat kemm fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea u kemm f'dik tal-Qrati tagħna li d-determinazzjoni tal-eżistenza o meno ta' leżjoni ta' dritt għal smigħ xieraq tinneċessità eżami tal-proċedura ġudizzjarja kollha kemm hi fit-totalita tagħha,[1] kif ingħad mill-Qorti Kostituzzjonali fil-każ fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alvin Privitera, deċiż fil-11 ta' April 2011, jista' jiġri li episodju wieħed ikun determinanti għall-eżitu tal-proċess kollu u għalhekk ma jkunx il-każ illi l-Qorti tistenna sakemm jintemm il-każ.

Fir-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet Il-Pulizija (Assistant Kummissarju Lawrence Cauchi) vs Carmel sive Charles Ellul Sullivan et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Settembru 2015 ingħad hekk:

> *"Huwa minnu li kemm din il-Qorti kif ukoll l-organi ta' Strasburgu kkonċedew li in linea eċċezzjonali xi fatturi partikolari tal-proċeduri jistgħu jkunu tant determinanti għad-dritt għal smigħ xieraq li ma jkunx meħtieġ li l-Qorti tistenna sa tmiem il-proċeduri sabiex tiddeċiedi jkunx hemm vjolazzjoni tad-dritt in kwistjoni...."*

Kif tikteb Karen Reid fil-ktieb 'A practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights' (Tielet Edizzjoni) f'paġna 70:

> *"While the conformity of a trial with the requirements of Article 6 must be assessed on the basis of the trial as a whole, a particular incident may assume such importance as to constitute a decisive factor in the general appraisal of the trial overall."*

---

[1] **Darren Aquilina vs Onor Prim Ministru et**, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju 2013. Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Dimech vs Malta** deċiża fit-2 ta' April 2015 fost oħrajn.

B'żieda ma dan, kif ingħad mill-Qorti Kostituzzjonali fir-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs Carmel Camilleri tat-22 ta' Frar 2013:

> *"dan il-każ inbeda b'referenza mill-Qorti Kriminali, li waqqfet l-ismigħ quddiemha sakemm ikollha t-tweġiba għal dik ir-referenza. Ma setgħetx għalhekk l-Ewwel Qorti ma tweġibx għar-referenza billi tistenna sakemm jingħalaq il-proċess kriminali."*

Hekk ukoll, fir-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Clayton Azzopardi deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta' Lulju 2016 ingħad proprju li:

> *"Kif hu saput din ir-referenza qed isir a bazi ta' l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li ghalhekk jimporta lil Qorti referenti, f'dan il-kaz il-Qorti tal-Magistrati Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, qieset li taghmel wara li wasslet ghal konkluzzjoni lit-talba in ezami ma kienetx wahda la frivola jew vessatorja. Rizultat mod iehor kien iwassal ghal cahda minn naha tal-Qorti referenti. Dan il-punt waħdu ġja jinċidi sew fuq din il-vertenza ta' intempestivita` mressqa mill-Avukat Ġenerali. Illi ssegwi għalhek li l-Qorti referenti ħasset ukoll dak li hu l-import ta' dan l-allegat ksur."*

Fil-każ Il-Pulizija vs Alvin Privitera tal-11 t'April 2011 li kien jirrigwarda materja simili, il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet illi:

> *"...meta digà jkun hemm ragunijiet bizzejjed li fuqhom il-Qorti tkun tista' ssib li hemm lezjoni, m'ghandhiex toqghod tistenna sakemm jintemm il-kaz jew li jigi attwalment miksur id-dritt pretiz biex tiddeciedi jekk hemmx lezjoni jew le. Jista' jaghti l-kaz li jkun tard wisq jew dak li jkun imbaghad jibqa' minghajr rimedju."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ tal-lum, il-Qorti ssib illi sabiex jiġi determinat jekk hemmx leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq, m'huwiex neċessarju li jiġu fi tmiemhom il-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrenti. Dan għaliex l-ilment tal-lum jikkonċerna proprju żewġ stqarrijiet li għamlet ir-rikorrenti

mingħajr ma kienet assista minn avukat, liema stqarrijiet ser isir użu minnhom fil-proċeduri kriminali pendenti kontriha f'każ illi din il-Qorti ma tqisx mod iehor. Jirriżulta għalhekk illi r-referenza hija tempestiva għaliex l-eżitu tagħha huwa tali li jimpinġi u huwa deċisiv fuq il-ġudizzju finali. Għaldaqstant, l-eċċezzjoni mressqa mill-Avukat Ġenerali f'dan is-sens qiegħda tiġi miċħuda.

Imiss issa li jiġi kkunsidrat l-ilment tar-rikorrenti li ġie leż il-jedd fundamentali tagħha għal smigħ xieraq kif protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea.

Id-dritt għall-assistenza legali waqt l-interrogazjoni ġie introdott fis-sistema legali Malti permezz tal-Att III tal-2002, madanakollu, dan l-att daħal fis-seħħ biss fl-2010 permezz tal-Avviż Legali 35 tal-2010 u allura r-rikorrenti għandha raġun meta tgħid illi meta rrilaxxat l-istqarrija tagħha quddiem il-pulizija u sussegwentement quddiem il-Maġistrat Inkwerenti, il-liġi ma kinitx tippermettilha li tkun assistita minn avukat.

Fir-rigward tal-applikabilità tal-artikolu 39 għall-ilment tal-lum, minkejja li sa ftit taż-żmien ilu skont il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna dan l-artikolu ma kienx japplika għall-każijiet bħal dak tal-lum, u ċioè meta l-allegata leżjoni tkun tirreferi għall-episodju li jippreċedi l-bidu ta' proċedimenti quddiem il-Qrati,[2] fid-deċiżjoni riċenti tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Malcolm Said vs Avukat Ġenerali tal-24 ta' Ġunju 2016, li wkoll kienet tirrigwarda stqarrija li ġiet rilaxxata mill-akkużat mingħajr assistenza legali, ingħad illi l-artikolu 39 mhuwiex għal kollox inapplikabbli. Dan wara li l-Qorti kkunsidrat li:

> "*....Ma jfissirx iżda illi dak li jkun sar qabel ma l-attur ikun akkużat ma jistax jolqot, bi preġudizzju għalih, dak li jiġri wara li jiġi akkużat, b'mod li, minħabba dak li jkun sar qabel, ma jkunx jista' jingħata smigħ xieraq. Li jfisser hu illi l-ksur – jekk it-teħid tal-istqarrija jkun sar bi ksur tad-drittijiet tal-attur – iseħħ mhux bil-fatt li tkun ittieħdet l-*

[2] Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Peter Joseph Hartshorne vs Avukat Ġenerali et** tat-30 ta' Mejju 2014 fost oħrajn.

*istqarrija (meta l-attur kien għadu mhux "akkużat") iżda bil-fatt li jsir użu minn dik l-istqarrija waqt il-proċess kriminali, meta allura l-attur ikun "akkużat"."*

Fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea huwa stabbilit illi għall-finijiet tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-kelma 'akkuża' tfisser:

"*the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence*' jew xi att ieħor li jġib miegħu '*the implication of such an allegation and which likewise substantially affects the situation of the suspect*" (**Corigliano v Italy**, deċiża fl-10 ta' Diċembru 1982).

Dwar id-dritt għall-assistenza legali fil-'*pre trial stage*', ingħad mill-Qorti Ewropea fil-każ A.T. v Luxembourg tad-9 ta' April 2015:

"*62. The Court reiterates that although the primary purpose of Article 6, as far as criminal proceedings are concerned, is to ensure a fair trial before a "tribunal" competent to determine "any criminal charge", it may also be relevant before a case is sent for trial if and in so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced by an initial failure to comply with its provisions (see Salduz, cited above, § 50, and Panovits v. Cyprus, no. 4268/04, § 64, 11 December 2008). Furthermore, the right set out in paragraph 3 (c) of Article 6 is one element, amongst others, of the concept of a fair trial in criminal proceedings contained in paragraph 1 (see Imbrioscia v. Switzerland, 24 November 1993, § 37, Series A no. 275, and Brennan v. the United Kingdom, no.39846/98, § 45, ECHR 2001-X*).

*63. The right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer is one of the fundamental features of a fair trial (see Krombach v. France, no. 29731/96, § 89, ECHR 2001-II). In order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective", Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of*

*a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of the case that there are compelling reasons to restrict that right. The Court specifies that even in such cases, denial of access to a lawyer must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6, and that the rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see Salduz, cited above, § 55). The Court found a violation of Article 6 §§ 1 and 3 (c) notwithstanding that the applicant had subsequently benefited from legal assistance and adversarial proceedings, having noted, in particular, that the restriction in question on the right to a lawyer had been based on the systematic application of legal provisions (see Salduz, cited above, §§ 56 and 61).*

*64. The fairness of criminal proceedings under Article 6 of the Convention requires that, as a rule, a suspect should be granted access to legal assistance from the moment he is taken into police custody or otherwise remanded in custody, whether interrogations take place or not. The Court emphasises in that respect that the fairness of proceedings requires that an accused be able to obtain the whole range of services specifically associated with legal assistance, pointing out that discussion of the case, organisation of the defence, collection of evidence favourable to the accused, preparation for questioning, support of an accused in distress and checking of the conditions of detention were fundamental aspects of the defence which the lawyer must be able to exercise freely (see Dayanan, cited above, §§ 31-33). Moreover, an accused often finds himself in a particularly vulnerable position at the investigation stage of the proceedings, the effect of which is amplified by the fact that legislation on criminal procedure tends to become increasingly complex, notably with respect to the rules governing the gathering and use of evidence. In most cases, this particular vulnerability can only be properly compensated for by the assistance of a lawyer whose task is, among other things, to help to ensure respect of the right of an accused not to*

*incriminate himself (see Pavlenko v. Russia, no. 42371/02, § 101, 1 April 2010).*

*65. The Court has had occasion to reiterate that, first of all, a person "charged with a criminal offence" within the meaning of Article 6 of the Convention is entitled to receive legal assistance from the time he or she is taken into police custody or otherwise remanded in custody and, as the case may be, during questioning by police or by an investigating judge; secondly, while a restriction of this right may in certain circumstances be justified and be compatible with the requirements of that Article, any such restriction that is imposed by a systemic rule of domestic law is inconsistent with the right to a fair trial (see Simons v. Belgium (dec.), no. 71407/10, § 31, 28 August 2012, and Navone and Others v.Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, § 80, 24 October 2013).*

*66. Neither the letter nor the spirit of Article 6 of the Convention prevents a person from waiving of his own free will, either expressly or tacitly, the entitlement to the guarantees of a fair trial (see Kwiatkowska v. Italy (dec.), no. 52868/99, 30 November 2000, and Ananyev v. Russia, no. 20292/04, § 38, 30 July 2009). However, if it is to be effective for Convention purposes, a waiver of the right to take part in the trial must be established in an unequivocal manner and be attended by minimum safeguards commensurate to its importance (see Salduz, cited above, § 59, and Yoldaş, cited above, § 51)."*

....

*"The applicant made detailed statements during the impugned police hearing. Although he denied all the charges against him and made no incriminating statements, the Court nevertheless emphasises that the investigation stage of criminal proceedings is of crucial importance as the evidence obtained at this stage determines the framework in which the offence charged will be considered (see Mehmet Şerif Öner v. Turkey, no. 50356/08, § 21, 13 September 2011)."*

Il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna rreġistrat diversi żviluppi fl-interpretazzjoni tagħha tal-każistika tal-Qorti Ewropea dwar id-dritt għall-assistenza legali fiż-żmien illi l-akkużat ikun qiegħed jiġi interrogat mill-pulizija u sussegwentement meta jirrilaxxa l-istqarrija tiegħu. Jista' jingħad illi l-aktar żvilupp notevoli kien riżultat ta' dak li qalet il-Qorti Ewropea fil-każ ta' **Borg v Malta** tat-12 ta' Jannar 2016:

> *"56. Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see Salduz v. Turkey [GC], no. 36391/02, § 54, ECHR 2008).*
>
> *57. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see Salduz, cited above, § 55).*
>
> *58. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., § 56).*

*59. The Court observes that the post-Salduz case-law referred to by the Government (paragraph 53 in fine) does not concern situations where the lack of legal assistance at the pre-trial stage stemmed either from a lack of legal provisions allowing for such assistance or from an explicit ban in domestic law.*

*60. The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013; Brusco v. France, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, no.25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yeşilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).*

*61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see Salduz, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).*

*62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the*

*requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56).*

*63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention."*

In vista tal-imsemmi każ ta' Borg v Malta, il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Lulju 2016 fl-ismijiet Aaron Cassar vs Avukat Ġenerali et stqarret illi:

*"Iż-żamma tal-bilanċ neċċessarju bejn id-diversi interessi involuti (tal-individwu, tal-komunità, tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja) fit-twettiq tal-ħarsien tad-drittijiet fondamentali tal-individwu għandu jimmilita kontra s-sejbien ta' vjolazzjoni tal-Konvenzjoni – ħaġa serja fiha nfisha – meta ma jkun hemm ebda konsegwenzi ta' preġudizzju fuq min iqis lilu nnifsu (mingħajr ma neċessarjament ikun hekk) bħala "vittma". Din fl-aħħar mill-aħħar kienet il-motivazzjoni ta' din il-qorti fis-sentenza ta' <u>Charles Steven Muscat v. Avukat Ġenerali</u> u sentenzi oħra li ġew wara, li ma sabux ksur tal-jedd għal smigħ xieraq meta min ikun ta stqarrija mingħajr ma kellu l-għajnuna ta' avukat ma jkun ġarrab ebda preġudizzju minħabba f'hekk.*

*Madankollu, għalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fis-sentenzi fuq imsemmija hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata illi tilqa' għal abbużi min-naħa tal-prosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b'reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – għallinqas fejn il-proċess kriminali jkun intemm – illum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza ta' <u>Borg v. Malta</u> imsemmija mill-ewwel qorti, li tqis il-fatt biss ta' nuqqas ta' għajnuna ta' avukat bħala ksur tal-art. 6(1) moqri mal-art. 6(3) tal-Konvenzjoni."*

Il-Qorti Kostituzzjonali kompliet billi kkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti tat-28 ta' Jannar 2016 fejn din il-Qorti diversament presjeduta kienet qalet hekk:

*"Ir-rikorrent jiccita in sostenn tat-tezi tieghu s-sentenzi moghtija mill-Qorti Ewropea fil-kaz* ***Salduz v Turkey*** *(Grand Chamber) deciz fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru tas-sena 2008, kif ukoll is-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawzi* ***il-Pulizija v Alvin Privitera*** *, u* ***l-Pulizija v Esron Pullicino****. Izda sussegwentement il-Qorti Kostituzzjonali tat interpretazzjoni aktar restrittiva ghall-principju enuncjat f'****Salduz****.*

*Il-Qorti Ewropea, fil-kaz* ***Salduz v Turkey****, fil-paragrafu determinanti irriteniet li:-*

*"1. Against this background, the Court finds that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" (see paragraph 51 above), Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6 (see, mutatis mutandis, Magee, cited above, § 44). The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction."*

***Salduz*** *gie segwit mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenzi citati mir-rikorrent odjern.*

*Fil-kaz ta'* ***Alvin Privitera****, kien l-Avukat Generali li appella u ressaq l-istess ilment li llum jinsab eccepit li bhala principju ma jezisti l-ebda dritt fundamentali ta' assistenza legali, imma biss dritt ghal smigh xieraq meta persuna tkun akkuzata b'reat kriminali.*

*Il-Qorti Kostituzzjonali ma accettatx din l-intepretazzjoni u siltet l-principju enuncjat mill-Qorti Ewropea fil-kaz ta'* ***Salduz v Turkey*** *hekk:*

*"Illi din il-Qorti thoss li l-gurisprudenza ormai stabbilita tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (ara* ***Salduz*** *fuq riferita) ghandha f'dan il-kaz tigi segwita. Ir-regola hi li l-Artikolu 6(1) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni mill-pulizija, sakemm ma jigix pruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Id-dritt ghall-avukat hi r-regola, ir-restrizzjonijiet huma l-eccezzjoni.*

*Izda anke jekk ikun hemm ragunijiet impellenti ghal xi restrizzjonijiet, tkun xi tkun ir-raguni, dawn ir-restrizzjonijiet ukoll m'ghandhomx jippregudikaw id-drittijiet tal-akkuzat taht l-Artikolu 6.*

*Dan id-dritt tal-akkuzat ikun irremedjabbilment pregudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni maghmula meta ma jkunx assistit minn avukat u dawn l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu."*

*Fil-kaz fl-ismijiet* ***Charles Steven Muscat v Avukat Generali*** *(Q.K 8.10.2010) il-Qorti Kostituzzjonali tat interpretazzjoni awtorevoli imma aktar ristrett fejn inkwadrat id-dritt pretiz fl-isfond shih tal-fairness of the trial:*

*"16. Li l-eżerċizzju li trid tagħmel il-qorti ma huwiex wieħed purament formali, biex tara biss jekk seħħx "il-fatt biss li r-rikorrent kien prekluż mill-liġi li jikkonsulta ma' avukat", huwa kompatibbli mad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'din il-materja.*

*17. Hekk, fil-każ ta'* ***Imbrioscia v. l-Isvizzera*** *il-Qorti Ewropea osservat illi:*

*"Other requirements of Article 6 - especially of paragraph 3 - may also be relevant before a case is sent for trial if and*

*in so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced by an initial failure to comply with them."*

*B'riferenza ghall-kaz ta'* ***Salduz****, il-Qorti Kostituzzjonali taghna osservat li:*

*"20. Tassew illi jidher illi f'sentenzi aktar riċenti l-Qorti Ewropea x'aktarx bidlet l-atteġġjament, u tidher li trid tagħti x'tifhem illi l-għajnuna ta' avukat f'kull waqt tal-proċess penali, sa mill-ewwel interrogazzjoni, hija fattur 'sine qua non' għal smigħ xieraq."*

*Madanakollu wara li ghamlet rassenja tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea osservat:*

*"Għandu jingħad ukoll illi l-Qorti Ewropea wkoll fl-istess każ ta' Salduz osservat illi l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni twassal għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq fil-każ biss li, minħabba f'hekk, il-ġustizza tal-proċess tkun kompromessa:*

*'Article 6 - especially paragraph 3 – may be relevant before a case is sent for trial if and so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced by an initial failure to comply with its provisions.'*

*Sussegwentement il-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta interpretat dan id-dritt biss fil-kaz fejn sabet li minhabba diversi cirkostanzi apprezzati skont il-kaz, li l-akkuzat seta' jitqies li kien vulnerabbi meta rrilaxxja l-istqarrija. (Ara ad ezempju* ***Anthony Taliana v Kummissarju tal-Puizija et****. Q.K. - 6 ta' Frar 2015.)*

*Ghaldaqstant jidher li l-oghla Qorti fil-pajjiz fehmet li lanqas dawk is-sentenzi tal-Qorti fi Strasbourg ma għandhom jitqiesu li ħolqu xi kejl assolut dwar dan il-jedd. Għalhekk, minn ħdan l-istess sentenzi, l-Qorti Kostituzzjonali siltet linja ta' ħsieb li tqiegħed il-kwestjoni tal-għajnuna ta' avukat lil min ikun interrogat fil-qafas tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq. Tant hu hekk li ghamlet riferenza ghall-konsegwenzi ta' inferenza sfavorevoli*

*("adverse inference") li jistghu jitnisslu kontra min jagħżel li ma jweġibx għall-mistoqsijiet li jsirulu. Kien ikun mod ieħor li kieku l-liġi kienet tippermetti illi ssir xi inferenza mis-skiet.*

*Ta' interess l-apprezzament tal-Qorti Ewropea dwar il-linja ta' hsieb abbraccjat mill-Qrati taghna. Fil-kaz **Dimech v Malta** il-Qorti Ewropea esprimiet il-hsieb taghha hekk:*

*"It also appears that the Constitutional Court originally followed the Salduz judgment strictly. However, at some point, notably from 2012 onwards, the Constitutional Court "restricted" its interpretation of the Salduz judgment, with the consequence that a number of persons who were subject to the systemic ban in Malta, and who therefore were not assisted by a lawyer when they made their statements, did not have the benefit of favorable judgments remedying their situation. This interpretation appears to have remained the practice thereafter, in so far as the only example brought by the applicant to demonstrate a further inconsistency was the case of The Republic of Malta vs Alfred Camilleri of 12 November 2012, which was however overturned by the Constitutional Court pending proceedings before this Court."*

*Fil-kaz ta' **Dimech**, il-Qorti Ewropea kkonkludiet li ma jistax jinghad li kien hemm arbitrarjeta' fid-decizjonijiet tal-Qrati taghna imma tibdil fil-hsieb u b'hekk sabet li ma kienx hemm ksur fis-sens mitlub mir-rikorrent li allega incertezza fil-ligi. Dan l-istess hsieb gie ripetut mill-Qorti Ewropea bl-istess konkluzjoni fil-kaz **Borg v Malta** hawn taht indirizzat.*

*Jirrizulta li fiz-zmien tar-rilaxx tal-istqarrija mir-rikorrent, il-ligi taghna kienet ghadha ma gietx ammendata biex tirregola l-assistenza legali fil-pre-trial stage.'*

*Huwa evidenti, anke mis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' Strasbourg proprju f'dawn l-ahhar granet fit-12 ta' Jannar 2016 fil-kaz **Borg v Malta** li l-interpretazzjoni Konvenzjonali fil-kaz ta' restrizzjoni sistemika tad-dritt*

*ghall-assistenza legali fil-pre-trial stage hija li hemm lezjoni tad-dritt fejn il-ligi kienet siekta (sistemic restriction).”*

Fil-każ ta’ Parkhomenko v Ukraine, deċiż fis-16 ta’ Frar 2017, il-Qorti Ewropea elenkat lista li mhijiex eżawrenti ta’ fatturi li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni sabiex jiġi stabbilit l-impatt ta’ nuqqasijiet kommessi fil-*pre-trial stage* fuq id-dritt għal smigħ xieraq ta’ proċeduri kriminali:

*“(a) Whether the applicant was particularly vulnerable, for example, by reason of his age or mental capacity.*
*(b) The legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with; where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair.*
*(c) Whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use.*
*(d) The quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion.*
*(e) Where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found.*
*(f) In the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified.*
*(g) The use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case.*
*(h) Whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay jurors, and in the case of the latter the content of any jury directions.*
*(i) The weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue.*
*(j) Other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice (ibid., 274).”*

Fis-sentenza riċenti ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Raymond Bonnici vs Avukat Ġenerali et deċiża fid-29 ta' Marzu 2017 ingħad:

*"1. Huwa ormai inkontestabbli li l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprotegu d-dritt ta' persuna suspettata li titlob l-assistenza ta' avukat sa mill-ewwel interrogatorju li jsirilha mill-pulizija, ghajr ghal cirkustanzi mpellenti li jippermettu r-restrizzjoni ta' dan id-dritt;*
*2. Fi kwalunkwe kaz, kull restrizzjoni ghal dan id-dritt m'ghandhiex tippregudika rrimedjabilment id-drittijiet tal-akkuzat taht il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni;*
*3. It-thaddim ta' dawn il-principji huwa partikolarment necessarju f'kazijiet fejn persuna tkun iffacjata b'akkuzi serji ghaliex huwa fl-isfond tal-pieni l-aktar iebsa li r-rispett tal-Istat lejn id-dritt ghal smiegh xieraq ghandu jkun garantit sal-oghla grad f'socjeta` demokratika;*
*4. Id-dritt tal-akkuzat jigi pregudikat b'mod irrimedjabbli meta huwa jirrilaxxja stqarrijiet minghajr assistenza legali, anke jekk b'mod volontarju u wara li nghata s-solita twissija mill-Pulizija, liema stqarrijiet jintuzaw kontrih fil-proceduri kriminali li jinfethu kontra tieghu;*
*5. Inoltre, ghalkemm ic-cahda ta' dan id-dritt hija wahedha leziva rrispettivament mill-vulnerabilita' o meno tal-persuna ndagata, jekk jigi muri li fl-istadju tal-interrogazzjoni l-persuna nvestigata tkun fi stat fragli, dan ukoll ikollu mpatt negattiv fuq id-dritt ghas-smiegh xieraq ta' dik il-persuna fil-proceduri li jkunu tmexxew kontriha.*

*Stabbilit dawn il-principji din il-Qorti però ma tistax ma tiehux in konsiderazzjoni gurisprudenza aktar ricenti li fil-fehma taghha sahhet dak minnha enfasizzat fid-decizjonijiet surriferiti, cioè kemm kienet incisiva u determinanti l-istqarrija mehuda qabel l-emendi msemmija tas-sena 2010, allura bla dritt ta' assistenza legali senjatament waqt l-interrogazzjoni, fil-process kriminali innifsu u l-aktar il-piz moghti lilha mill-Qorti fid-decizjoni taghha, jekk instabet htija. Dan ghaliex ebda stqarrija hekk mehuda ma tista tigi apprezzata jekk mhux fid-dawl tal-*

*proceduri kriminali fl-intier taghhom u b'mod partikolari l-impatt taghha fuq il-gudizzju finali."*

Il-Qorti kompliet billi għamlet riferenza għall-każ ta' Trevor Bonnici vs Avukat Ġenerali deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Novembru 2016 fejn intqal:

*"Isegwi li r-regola hi li l-artikolu 6(1) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni mill-pulizija, sakemm ma jigix pruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Id-dritt ghal avukat hi r-regola, ir-restrizzjonijiet huma l-eccezzjoni. Izda anke jekk ikun hemm ragunijiet impellenti ghal xi restrizzjonijiet, tkun xi tkun ir-raguni, dawn ir-restrizzjonijiet ukoll m`ghandhomx jippregudikaw id-drittijiet tal-akkuzat taht l-artikolu 6. Mhux il-kaz li din il-Qorti tezamina jekk kienx hemm ragunijiet impellenti l-ghala d-dritt ghal avukat gie ristrett, billi l-appellant f`dan il-kaz, fiz-zmien li ghamel l-istqarrija, qatt ma kellu d-dritt ghal avukat. Kif inghad, dan id-dritt tal-akkuzat ikun irrimedjabbilment pregudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni maghmula, filwaqt li ma jkunx assistit minn avukat u sussegwentement dawn l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu."*

Fil-każ appena ċitat, il-Qorti, wara li għamlet referena għall-każ ta' Borg v Malta, żiedet ukoll hekk:

*"Il-Qorti Ewropea ghamlitha cara li n-nuqqas ta' assistenza legali anki fil-pretrial stage jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dritt sancit bl-artikolu 6. Kif kellha okkazjoni din l-istess Qorti tistqarr (Pulizija vs. Philip Borg, PA Referenza Kostituzzjonali 21/2016, 30/06/2016), il-kaz Borg hu car bhala kejl in linea ta` principju. Kull stqarrija li ssir bla assistenza legali, salv f`kazijiet eccezzjonali hi lesiva tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Din il-Qorti ghandha l-kompitu illi tara mhux biss jekk in-nuqqas ta' assistenza ta' avukat fl-istadju tal-istqarrija tar-rikorrent wassalx ghall-ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, izda jekk b'dan in-nuqqas inholoqx il-perikolu illi r-rikorrent jinstab hati meta ma kellux jinstab hati.*

*Il-provi f'din il-kawza juru illi l-imputat ma kellux l-opportunità li jkellem avukat qabel ghamel l-istqarrija jew f'xi waqt li kien mizmum fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Meta l-Qorti tezamina z-zewg sentenzi lmentati mir-rikorrent, jirrizulta li effettivament it-tnejn li huma jaghmlu referenza ghall-istqarrija tar-rikorrent fis-sejbien ta' htija tieghu, 41 izda jissemmew ukoll ix-xhieda tal-istess rikorrent u dik tal-Pulizija fis-sejbien ta' htija tar-rikorrent. Huwa ritenut li l-Qrati ta` gurisdizzjoni kostituzzjonali m'ghandhomx jaghmlu valutazzjoni gdida tal-provi tal-process kriminali, bhallikieku l-procedura kostituzzjonali hija grad iehor ta' appell.*

*Il-fatt li l-qorti ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali tqis l-intier tal-proceduri quddiem il-qrati ta' kompetenza kriminali, ma jfissirx li ghandha taghmel valutazzjoni gdida tal-fatti, ghax il-kompitu taghha mhuwiex dak. (Ara f'dan is-sens s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-14 ta' Jannar, 2013, fl-ismijiet Joseph Bugeja vs Avukat Generali).*

*Ghalkemm kien hemm ligi li taghti jedd lill-imputat ghall-assistenza legali f'dawn ic-cirkostanzi, il-fatt inkonfutabbli jibqa' li dan il-jedd ma kienx ghadu in vigore u ghalhekk fid-dawl ta' dak li ntqal, l-istqarrija li ttiehdet minghand ir-rikorrent fil-21 ta' Lulju 2004, kif ukoll il-fatt li l-istess stqarrija nghatat qies fl-ghoti tas-sentenzi in ezami, iwasslu lil din il-Qorti sabiex issib li tassew kien hemm lezjoni tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq u konsegwentement saret bi ksur tal-jedd fundamentali tal-imputat ai termini tal-artikolu 6(1) u (3)(c) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta*."

Stabbilit illi l-użu fil-proċeduri kriminali ta' stqarrija li tkun ingħatat mill-akkużat mingħajr assistenza legali twassal għal-leżjoni tad-dritt għal-smigħ xieraq tal-istess akkużat, il-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni tagħha tat-13 ta' Frar 2017 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Clayton Azzopardi għamlet distinzjoni bejn każijiet bħal dawk ta' Dimech v Malta u Borg v Malta fejn il-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent kienu ġew fi tmiemhom u dak li kellha quddiemha dakinhar fejn, bħal każ tal-lum, il-proċeduri jkunu għadhom pendenti. Il-Qorti qalet hekk:

*"Is-sentenzi tal-Qorti Ewropea fil-każijiet, imsemmija mill-ewwel qorti, ta' Borg u ta' Dimech, juru illi għandha ssir distinzjoni bejn sitwazzjonijiet fejn persuna akkużata ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha fl-istadju tal-interrogazzjoni u l-proċeduri kriminali kontra l-istess persuna jkunu waslu fit-tmiem tagħhom, u sitwazzjonijiet fejn persuna akkużata ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha fl-istadju tal-interrogazzjoni u l-proċeduri kriminali kontra l-istess persuna jkunu għadhom għaddejjin.*

*F'ċirkostanzi li jaqgħu taħt l-ewwel tip ta' sitwazzjoni, i.e. fejn il-proċeduri kriminali jkunu ntemmu, din il-qorti, qabel ma ngħatat is-sentenza ta' Borg mill-Qorti Ewropea, kienet tat numru ta' sentenzi – fosthom Charles Steven Muscat v. Avukat Ġenerali u Geoffrey Galea v. Avukat Ġenerali et – fejn applikat il-prinċipju tal-proporzjonalità. Fi kliem ieħor, meta ġiet biex tippronunzja ruħha dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt fondamentali tas-smigħ xieraq f'dawn iċ-ċirkostanzi, din il-qorti ma pprovdietx illi sempliċiment minħabba l-fatt li l-akkużat ma tħalliex jikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tiegħu fl-istadju tal-interrogazzjoni, mela dan awtomatikament ifisser illi kien hemm vjolazzjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, iżda kienet issib leżjoni ta' dan id-dritt fondamentali tal-akkużat f'dawn iċ-ċirkostanzi f'każijiet biss fejn l-akkużat ġarrab preġudizzju bħala konsegwenza tal-fatt li hu ma tħalliex jieħu l-parir ta' avukat. Kienet addottat dan ir-raġunament preċiżament sabiex tilqa' għall-abbużi min-naħa tal-prosekuzzjoni u sabiex tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b'reat kriminali.*

*Il-Qorti Ewropea wkoll, fil-każ ta' Dimech, kienet qalet illi trid tqis il-proċess fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq, u għalhekk, fejn il-proċess kriminali, bħal fil-każ tallum, għadu għaddej, trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq*

*....*

*L-argument tal-Avukat Ġenerali huwa għalhekk loġiku u raġonevoli, u l-qorti taqbel illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. Madankollu, kif osservat fil-każ ta'* *__Malcolm Said__*, *il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur ukoll jekk, kif josserva l-Avukat Ġenerali, ma jidher li hemm xejn komprometttenti għall-attur fiha. Il-qorti tasal għal din il-konklużjoni fid-dawl tal-posizzjoni li ħadet il-Qorti Ewropea fil-każ ta'* *__Borg__*. *Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità li tista' twassal għal konsegwenzi bħal dawk fil-każ ta'* *__Borg.__*

*Il-qorti għalhekk sejra tilqa' dan l-aggravju fis-sens biss li tgħid illi ma hemm ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni iżda jkun hemm tali ksur jekk isir użu mill-istess stqarrija fil-proċeduri kriminali kontra l-appellant Clayton Azzopardi*."

Din il-Qorti taqbel perfettament mal-insenjament tal-Qrati fid-deċiżjonijiet ċitati. L-Avukat Ġenerali ma ġab l-ebda ġustifikazzjoni għaliex kien hemm restrizzjoni għall-aċċess tar-rikorrenti għall-avukat ħlief li l-liġi kif kienet ma kinitx tipprovdi għal tali dritt favur persuna arrestata. B'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji, il-Qorti ssib illi minkejja li d-dritt tar-rikorrenti għal smigħ xieraq ma ġiex leż f'dan l-istadju, ċertament illi sseħħ leżjoni f'każ illi l-istqarrija li tat lill-pulizija fit-13 ta' Frar 2004 u dik li għamlet aktar tard dak inhar quddiem il-Maġistrat Inkwerenti jibqgħu jagħmlu parti mill-proċeduri kriminali pendenti quddiem il-Qorti referenti. Il-Qorti ma tistax ma tikkunsidrax ukoll illi r-rikorrenti kellha biss tmintax-il sena meta seħħ dan l-episodju u kienet l-ewwel darba li ġiet arrestata u tressqet il-Qorti, fejn mhux biss ikkonfermat l-istqarrija tagħha kif kienet minghaliha li ser tagħmel, iżda effettivament irrilaxxat stqarrija oħra pjuttost dettaljata u dan kollu mingħajr ma kienet ingħatat xi forma ta' assistenza legali, bir-riżultat illi, kif jikkonferma wkoll l-Ispettur Josric Mifsud,

hija kienet aġitata waqt li kienet qiegħda tirrilaxxa l-istqarrija tagħha.

Fis-referenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Alvin Privitera vs L-Avukat Ġenerali tat-28 ta' Ottubru 2010 ingħad illi:

> "*....f'dan il-kaz meta qabel l-emendi msemmija ma kien jezisti l-ebda dritt ta' access ghall-avukat ghal xejn u allura s-sitwazzjoni kienet izjed serja u pregudikanti ghal kull persuna li tkun arrestata, u f'dan il-kaz hekk huwa tenut kont tal-fatt li ghalkemm ir-rikorrenti ma kienx taht l-eta', meta gie nterrogat, huwa kellu biss tmintax (18)-il sena u erba' (4) xhur, u allura l-istess eta' tenera tieghu u l-fatt li huwa ma kienx midhla ta' tali sitwazzjoniijiet simili, huwa ragonevoli li wiehed jikkonkludi li persuna bhal dik tkun intimidata mill-istess prezenza tal-pulizija, iktar u iktar meta tkun taht arrest, u meta tigi nterrogata ghal diversi hin, u f'hinijiet differenti, u dan indipendentement jekk ma jkunx hemm allegazzjoni ta' maltrattament jew le.*"

Għar-raġunijiet kollha premessi, il-Qorti, filwaqt li tagħmel referenza għall-fatti lamentati minn Josianne Azzopardi fit-talba għal referenza kostituzzjonali fil-proċeduri fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Josianne Azzopardi li hija pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, senjatament illi ġie mittiefes id-dritt fondamentali tagħha għal smigħ xieraq kif protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, liema lment wassal lil dik il-Qorti sabiex fl-24 ta' Frar 2016 tagħmel l-ordni ta' referenza, qiegħda tiddikjara illi fil-konfront tal-istess Josianne Azzopardi ma ssib li kien hemm l-ebda vjolazzjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikoli 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, madanakollu, issib illi jkun hemm ksur jekk isir użu mill-istqarrija li tat ir-rikorrenti lill-pulizija dakinhar tat-13 ta' Frar 2004 u l-istqarrija li tat quddiem il-Maġistrat Inkwerenti fl-istess jum, fil-proċeduri kriminali *de quo*. Għalhekk qiegħda tibgħat dan il-provvediment flimkien mal-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta'

Ġudikatura Kriminali sabiex tkompli tisma' u tiddeċiedi skont kif intqal f'din ir-referenza**.**

Spejjeż jitħallsu mill-Avukat Ġenerali.

IMHALLEF

DEP/REG